MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru. 777/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**SILVIO BOUVETT ta' 38 sena, iben Alfred u Paoline nee' Brincat, imwieled Tas-Sliema nhar it-23 ta' Novembru, 1971, residenti fil-fond St Rita, Triq ix-Xatt, Kalkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517171M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi SILVIO BOUVETT li gie akuzat talli fi Triq Dun Salv Sciberras, u fi bnadi ohra f'Haz-Zabbar, nhar is-Sibt, 18 ta' Settembru, 2004, ghall-habta ta' xi s-sebgha nieqes kwart ta' fil-ghaxija:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Alexandra Muscat minn Haz-Zabbar f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha skond ma ccertifika Dr Anthony Xuereb MD, mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, liema griehi huma ta’ natura hafifa;

2. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta waddab fliexken tal-hgieg fid-direzzjoni tal-imsemmija Alexandra Muscat, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

3. U aktar talli b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, heddidha bil-mewt;

4. U aktar talli rrifjuta li jaghti lill-ufficjal tal-pulizija, waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, ismu, kunjomu, fejn joqghod, u partikolaritajiet ohra;

5. U aktar talli ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxen jew indicenti;

6. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, u b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom;

8. U aktar talli waddab fliexken tal-hgieg u oggetti ohra iebsin fid-direzzjoni ta’ l-imsemmija Alexandra Muscat;

9. U aktar talli f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku nstab fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, jew b’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jidher car fis-sakra;

10. U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

11. U aktar talli ngurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ whud inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi, fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Rat l-interrogatorju ta’ l-imputat fejn l-istess imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhud principali Alexandra Muscat xehdet dwar l-ex-boyfriend taghha Silvio Bouvett. Fl-ewwel lok qalet illi nonostante dak li gara bejniethom, hi kienet qieghda tahfirlu ta’ dak li gara. Irrakkontat illi fl-incident in dezamina Silvio ried bicca hobz, qalet ili kienet quddiemu, ipprova jaghtieha b’zokk ta’ xkupa, ta xi daqqiet ohra. Tghid anke li ta daqqa ta’ harta, umbaghad ipprova jaghtieha b’zokk ta’ xkupa. Tghid illi hi nizlet isfel, kif kienet fit-tarag garalha xi flixkun. Tghid illi harget barra. Tghid illi meta Silvio Bouvett gara l-flixkun, hi kienet barra fit-triq. Tghid illi pero l-flixkun habbtu mal-bieb. Tghid fil-fatt illi hi ma gietx milquta. Tghid illi meta gew il-pulizija ghax cemplitilhom hi, Bouvett ma riedx johrog, lanqas ma ried jaghtiehom il-particulars. Tghid ukoll illi ghamlet

rapport li sawwatha. Qalet ukoll illi din ma kinitx l-ewwel darba. Konferma ta’ dan l-incident gie ezebit ic-certifikat mediku a folio 19, DOK AM li juri li l-griehi li sofriet il-parte leza kienu ta’ natura hafifa.

PS 428 Carmel Debattista kkonferma li hu kien niezel fuq ir-rapport imsemmi, xehed illi l-imputat ma riedx imur maghhom, beda jheddidhom li jpatthielhom u li jtarrajhom.

PC 1603 Mario Muscat xehed illi fuq rapport ta’ mara mswata, sabu lil Alexandra Muscat barra fuq il-bankina mwerwra. Telghu, sabu t-tarag kollu hgieg, jghid fliexken imkissrin. Jghid illi hawn sabu lil Silvio Bouvett li beda jghajjat li hemm kienet daru, li hadd ma kien baghat ghalihom u li kien ser ipatthielhom u jtajjarhom. Jghid illi minhabba l-aggressivita’ ta’ Bouvett, issejhu tal-Mobile. Jghid anke li Bouvett kellu riha ta’ xorb. Gie ezebit ukoll rapport ta’ l-incident DOK TA.

Fl-istqarrija tieghu Bouvett ammetta li kellu relazzjoni ma’ Muscat. Innega pero li hu qatt sawwat lilha jew refa’ jdejh fuqha, tant illi qal illi hu anke jibza’ jahraq suffarell. Qal illi fil-fatt dan kien qieghed jigri ghax Muscat kienet qieghda tbaghti minn depression. Innega li hu qatt gera warajha bi xkupa, sawwatha jew garalha xi flixkun. Dwar l-attitudni tieghu mal-pulizija, xehed illi vera kien illetika maghhom, li f’rabja seta’ heddidhom. Jghid li forsi seta’ dagha. In kwantu ghall-particulars, qal illi ma kellux ghalfejn jaghtiehom ghax kienu jafu l-pulizija min hu.

Maghluqa l-provi, il-Qorti ghaddiet biex tisma’ t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel akkuza dedotta hija dik ta’ griehi ta’ natura gravi taht l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu r-rinunzja tiddikkjara l-Qorti f’dan ir-rispett il-procediment ezawrit.

Dwar it-tieni reat ta’ l-attentat, jirrizulta b’mod car illi Bouvett tefa’ dawn il-fliexken, fil-fatt apparti x-xhieda ta’ Muscat innifisha, dawn il-fliexken fil-fatt rawhom ukoll il-pulizija xhieda f’din ill-kawza fit-tarag huma u dehlin. Hija ghalhekk eroneja d-Difiza fit-trattazzjoni taghha li ghax Muscat qatt ma ntlaqtet bil-flixkun ma jirrizultax dan ir-reat. Fil-fatt kieku ntlaqtet dan kien ikun reat ikkonsmat mhux dak taht l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk certament Bouvett huwa hati ta’ dan ir-reat, u ghalhekk, anke tat-tieni akkuza addebitata.

Ir-reati l-ohrajn imputati, gew hekk dedotti taht il-Kapitolu ta’ reat kontinwat, cioe’ taht l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa jirrizulta li r-reati li maghhom huwa addebitat l-Artikolu 18 allegatament graw f’incident wiehed u cioe’ fil-gurnata. Issa dawn l-atti ta’ Bouvett kienu dik li hedded lil Muscat bil-mewt. Ghalkemm jirrizulta li Bouvett attakka lil Muscat, dan it-theddid lejha ma rrizultax, ghaldaqstant qieghda tilliberah mit-tielet(3) akkuza.

Irrizulta b’mod ampju li Bouvett rrifjuta jaghti l-particulars tieghu, hedded lill-pulizija, anke fixkilhom fi dmirijiethom, u oltre waddab xi fliexken tal-hgieg lejn Muscat. Ghaldaqstant qieghda ssibu wkoll hati tar-raba’(4), is-sitta(6), is-seba’(7), it-tminn(8), u l-hdax(11) akkuza.

In kwantu ghat-tielet(3), ghall-hames(5), id-disa’(9), l-ghaxra(10), tilliberah in kwantu dawn ma gewx pruvati.

Ghaldaqstant, qieghda ssibu hati kif premess, u dan wara li rat l-Artikoli 41, 339, 95, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tlitt(3) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------